MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2010

Numru 3/2008

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Anton Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 3 tas-sena 2008 kontra l-akkuzat Anton Camilleri li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fid-disgha (9) ta' Mejju, elfejn u erbgha (2004) Anton Camilleri kellu argument ghal habta ta' l-ghaxra ta' filghodu (10 am) dwar xi proprjeta' ma' Saviour Mangion. Illi waqt li Mangion kien qed jitolbu xi dokumenti Anton Camilleri beda jaggredieh u jsawtu. Illi f'hin minnhom Anton Camilleri mar hdejn il-karozza tieghu li kienet quddiem id-dar tieghu l-Madliena, qabad arma tan-nar li kienet go fiha, w spara fid-direzzjoni ta' Saviour Mangion bil-hsieb li joqtlu jew iqeghdlu hajtu f'periklu car, izda fortunatament ma kkawzawx il-mewt peress waqt li spara idu giet imcaqilqa.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Anton Camilleri sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew bil- hsieb li qieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Anton Camilleri hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li qieghed il- hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.

Talab illi jinghamel skon dil-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn seba' snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 41(1)(a), 211(1)(2), 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi indikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w cioe' fid-9 ta' Mejju, 2004, fil-Madliena ghall-habta tal-10.00 a.m. Anton Camilleri filwaqt li kien qed jikkommetti delitt kontra l-persuna konsistenti f'tentattiv ta' omicidju kellu fuqu arma tan-nar li biha spara fuq Saviour Mangion.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Anton Camilleri sar hati talli fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar u arma regolari.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil Anton Camilleri hati talli fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna kellu fuq il- persuna tieghu arma tan-nar u arma regolari.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ta' mhux izjed minn sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 26(a), 19 u 27 tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) illum Kap. 480 u fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-Nota tal-akkuzat tal-15 ta' Frar, 2010, li biha ddikjara li hu ghazel li guri ma jigix maghzul ghal din il-kawza a tenur tal-artikolu 436 (6) tal-Kodici Kriminali;

Rat li l-akkuzat fl-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2010, wiegeb li ma kienx hati taz-zewg Kapi ta' l-Att tal-Akkuza;

Semghet il-provi kollha tal-prosekuzzjoni w dawk tad-difiza, nkluza d-depozizzjoni tal-akkuzat Camilleri minn jeddu w rat id-dokumenti kollha esebiti waqt is-smiegh tal-kawza quddiem din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur fir-rekwizitorja, difiza, replika u kontro-replika;

Ikkunsidrat :

Jinghad mill-bidu nett li din il-kawza kienet frott in-nuqqas ta' ghaqal da parti tal-konjugi Mangion li jfittxu parir legali f'waqtu sabiex iserrhu mohhom dwar id-drittijiet naxxenti mill-konvenju w il-konsenja tad-dokument lil Anton Camilleri. Li kieku ghamlu dan mall-ewwel kienu jirrealizzaw illi ma kienux se jitilfu l-ebda dritt b'tali konsenja peress li l-original baqa' nsinwat fl-atti tan-Nutar inkluza l-ircevuta ta' hamest elef lira li sussegwentement gew imhallsa lil Anton Camilleri. Minflok, l-inkwiet baqa' jberren f'mohh Salvu Mangion li malli qal lil martu Giovanna flok ma kkalmat l-affari qajjmet paniku kbir u b'instigazzjoni taghha waqtu att ta' imprudenza kbira li

wasslet ghal dan il-kaz u b'Anton Camilleri mixli b'attent ta' omicidju volontarju.

L-att ta' imprudenza kienet it-telefonata maghmula minn Salvu Mangion lil Anton Camilleri fis-7.00 ta' filghodu l-Hadd 9 ta' Mejju, 2004, jum l-omm. Dak inhar Anton Camilleri w martu kienu ghadhom reqdin meta saret it-telefonata minn Salvu Mangion jistaqsi ghad-dokumenti illi Mangion kien ghadda ftit taz-zmien qabel lit-tifel ta' Camilleri, Ethelbert.

Instigat minn martu Giovanna, Salvu Mangion insista illi jmur hdejn ir-residenza ta' Anton Camilleri sabiex mis-sewwa jew bid-dnewwa jiehu d-dokumenti lura, w dana minkejja li kien il-Hadd, u Camilleri kien diga' avza lil Mangion illi l-karti ma kienx jaf fejn qeghdin u ma kienx f'posizzjoni illi jaghtihomlu dak inhar.

Minkejja dan, il-konjugi Mangion marru hdejn ir-residenza ta' Camilleri w meta ma sabuhx hemmhekk, assumew korrettament illi kien il-quddies u qadu jistennew sakemm jigi lura.

Li kienet Giovanna Mangion li nstigat dan l-incident kollu, din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju, peress illi Salvu Mangion kien ilu jaf illi Anton Camilleri kien qed isib diffikulta' sabiex jintracca d-dokumenti, izda malli Giovanna saret taf b'din id-diffikulta', fi kliemha stess, ta genn u kif jghid il-Malti "hadet ir-rigni f'idejha" w marret ghas-sodisfazzjon biex tajjeb jew hazin id-dokumenti tehodhom lura dak inhar stess.

Din l-attitudni taghha hija manifestata fil-fatt illi meta wasslu l-konjugi Camilleri hdejn ir-residenza taghhom hi kienet l-ewwel illi harget mill-karozza w marret tavvicina lil Anton Camilleri, illi dak il-hin ukoll hareg mill-karozza.

Minn hawn il-quddiem bdiet il-kontroversja tal-verzjonijiet moghtija mill-konjugi Mangion u dik ta' Anton Camilleri w martu Marianne.

Ikkunsidrat :

Giovanna Mangion tghid illi hija avvicinat lil Camilleri bl-edukazzjoni kollha w kull ma talbitu kien biss illi jaghtiha l-karti. Camilleri wiegibha b'mod aggressiv u arroganti, beda jirrabja maghha w anki ggestikola b'mod goff, tant illi Salvu Mangion hareg mill-karozza biex hu wkoll jintervjeni w jara x'inqala. Kien f'dan il-mument, skond il-konjugi Mangion, illi Camilleri fajjar daqqa ta' ponn lil Salvu Mangion u gew fl-idejn. Bhal ma jigri s-soltu, meta tqum xi wahda, hadd ma jkun car dwar min fajjar liema daqqa pero' zgur illi Salvu Mangion irritalja w ta xi daqqa jew tnejn lil Camilleri. F'xi hin Mangion tilef il-bilanc u waqa' mal-art. Kien hawnhekk, skond il-konjugi Mangion illi Camilleri mar fil-karozza tieghu fejn hareg "pouch" u minn dan il-"pouch" hareg pistola jew "revolver" zghira, liema arma kienet ippuntata lejn Salvu Mangion li sa dak il-hin kien lahaq qam minn mal-art. Kien f'dan l-istadju illi interveniet Marianne Camilleri, mart Anton, b'ghajjat ***"x'ser taghmel x'ser taghmel"*** u anki ghollitlu idejh fil-mument illi spara tir, li fortunatament ma' laqghat lil hadd.

Hawnhekk il-verzjonijiet tal-konjugi Mangion ukoll mhumiex kostanti. Filwaqt illi Giovanna ssemmi car sparatura b'xi haga li tohrog minn gol-pistola w taqa' mal-art, bi ftit duhhan, kif iddeskrivietu, ta' sigarett , johrog mill-pistola, Salvu Mangion jghid illi ma ra xejn minn dan hlief il-pistola ppuntata. Ma sema l-ebda sparatura w ma ra l-ebda duhhan hiereg mill-pistola. Jghid pero' illi huwa ghandu diffikulta' fis-smiegh minn widna minnhom.

Wara dan l-incident il-pistola ma deherietx aktar u jidher illi l-argumenti u l-glied kompla minghajr l-uzu ta' arma, sakemm fl-ahhar il-konjugi Mangion dahlu fil-karozza taghhom u telqu l-hemm. Kemm Mangion kif ukoll Camilleri sofrew griehi hfief minghajr konsegwenzi bhala rizultat ta' glied illi kien hemm bejniethom.

Huma w sejrin lura d-dar il-konjugi Mangion iddecidew illi jaghmlu rapport l-ghassa tal-Pulizija. L-ewwel marru l-ghassa ta' San Giljan, fejn minn gew diretti l-ghassa tan-Naxxar u l-Pulizija bdiet l-investigazzjoni taghha. Marru mall-ewwel fir-residenza tal-konjugi Camilleri l-Madliena,

fejn saret tfixxija fid-dar u fl-inhawi ghall-pistola jew xi evidenza ta’ sparatura, izda ma nstab xejn. Gie elevat senter minn gor-residenza ta’ Camilleri illi kien debitament licenzjat ghad illi kien hemm xi arretrati fuq din il-licenzja. Dan is-senter ma kellux x’jaqsam f’dan l-incident.

Hi x’hin hi Anton Camilleri volontarjament offra illi jittiehdu “swabs” jew “samples” ghall-ezami ta’ GSR. Dawn l-ezamijiet saru wara hafna zmien u kienu kollha fin-negattiv, inkluz dawk l-ezamijiet illi saru fuq il-hwejjeg illi kien liebes dak inhar Camilleri. Jinghad pero’, ghal dak li jirrigwarda l-qmis, meta Camilleri dahal lura d-dar martu rrimarkat illi kellu xi demm fuqha w ghalhekk haditha, xarrbitha biex tipprepara ghall-hasil fil-“washing machine” ma hwejjeg ohra. Il-qmis f’dan l-istat imxarrab gie mghoddi lill-Ufficjal tal-forensika sabiex jittiehdu “swabs” minnha, pero l-qalziet jew jeans li jghid li kien liebes Camilleri baqa’ mhux mittieffes, ittiehed minn ghandu, saru ezamijiet forensici li wkoll kienu fin-negattiv. Fi kliem iehor, ir-rizultati forensici kollha li jirrigwardaw sparar ta’ arma kienu fin-negattiv u din il-Qorti ghalhekk trid toqghod esklussivament fuq il-verzjonijiet moghtija mill-konjugi Mangion u l-konjugi Camilleri w m’ghandha l-ebda konfort ta’ xi relazzjoni teknika li tista’ b’xi mod ixxaqleb il-mizien lejn naha jew ohra. Lanqas m’ghandha opinjoni ta’ espert tekniku dwar operat ta’ pistola zghira w jekk din timmanifestax il-kwalitajiet, operazzjoni jew effetti li allegat Giovanna Mangion.

Id-difiza ghamlet kapital fuq dak li rrakontat u cioe’ jekk l-arma ghamlitx hoss ta’ sparatura, faqqatura jew klikjatura w rrimarkat illi ma kienx possibbli illi arma tan-nar taghmel hoss iehor jekk mhux dik ta’ sparatura ta’ certa entita’.

Fuq din il-Qorti m’ghandha l-ebda opinjoni teknika w ghalhekk ma tistax toqghod la fuq l-assersjoni ta’ Giovanna Mangion u lanqas fuq l-argumenti tad-difiza.

Il-Qorti trid thaddan posizzjoni newtrali w tara jekk ir-rakkont jinkwadrax fl-atmosfera tal-incident u provi ohra illi l-prosekuzzjoni gabet.

Ikkunsidrat :

Verament il-Qorti ssib illi l-provi illi gabet il-prosekuzzjoni biex tipprova l-kaz taghha huma principalment il-konjugi Mangion, bil-verzjonijiet kontrastanti taghhom.  Fil-waqt illi huwa minnu illi seta’ ta l-kaz illi Salvu Mangion ma semghax il-faqqatura jew sparatura minhabba d-difett fis-smiegh, il-Qorti ssibha ferm stramba illi, jekk verament Camilleri kellu pistola ppuntata lejh ma kienx sejjer jara xi moviment minn din il-pistola li kieku sparat, anki in bjank, izda ma dan kollu qal illi ma ra xejn.

Minn naha l-ohra hemm il-verzjoni ta’ Anton Camilleri li hija djamatrikalment opposta ghal dik tal-konjugi Mangion. Camilleri jirrikonoxxi illi huwa kien urtat u irrabjat meta rrcieva t-telefonata minn ghand Salvu Mangion dak il-hin il-Hadd 9 ta’ Mejju, 2004 u kien iktar urtat meta wasal lura d-dar u sab lill-konjugi jistennewh ghal xi haga li kien diga’ qallhom illi ma kienx f’posizzjoni illi jaghtihom dak inhar.

Ghalhekk il-Qorti lesta tikkoncedi illi dak il-hin kien hemm skambju ta’ kliem illi ma kienx felici bejn Anton Camilleri u Giovanna Mangion, li kienet l-ewwel illi avvicinat lil Anton Camilleri.  Dan l-iskambju wassal ghall-intervent ta’ Salvu Mangion, li skond Anton Camilleri, kien Mangion illi fajjar l-ewwel daqqa w bdiet ir-rissa bejniethom.  Camilleri jirrikonoxxi illi gew fl-idejn u kien hemm hin meta Salvu Mangion waqa’ fl-art konsegwenza ta’ daqqa illi fajjar Camilleri.  Kien hawn illi Camilleri mar lura fil-karozza sabiex igib id-“diary” u c-cwievet liema diary kien f’”pouch”.  Kien f’dan l-istadju li interveniet Marianne Camilleri, l-mara ta’ Anton, billi ppruvat tferraq lill-irgiel u tbeghedhom minn xulxin kif fil-fatt gara, bil-konjugi Mangion jidhlu fil-karozza taghhom u jitilqu.

Ikkunsidrat :

Sabiex il-Qorti tasal ghall-htija ghar-reat addebitat lil Anton Camilleri trid tkun sodisfatta minghajr dubju dettat mir-raguni illi huwa fil-fatt wettaq dak li gie addebitat lilu, w cioe’ illi dolozament, bil-hsieb li joqtol, jew ipoggi l-hajja ta’ Salvu Mangion f’periklu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni

w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Din l-akkuza hija msejsa biss fuq il-verzjoni moghtija minn Giovanna Mangion, verzjoni illi mhiex ikkorroborata la minn zewgha Salvu u lanqas minn rizultati xjentifici w teknici illi gew esegwiti.

L-iktar rizultat illi aggrava l-verzjoni ta' Mangion hija n-nuqqas ta' GSR fuq il-persuna ta' Anton Camilleri. It-tekniku spizjar, Mario Mifsud, xehed illi kull meta jkun hemm sparatura bil-fors ikun hemm xi "residue" fuq il-persuna li jkun spara w tracci ta' dan ir-"residue" dejjem jinstab bhala konferma tal-isparatura. Huwa impossibbli, skond l-ispizjar Mifsud, illi ssir sparatura minghajr ma thalli xi "residue" sabiex jigi investigat. Din il-konkluzzjoni titfa' dubju fuq il-verzjoni moghtija minn Giovanna Mangion illi saret sparatura w mhiex skuza li jinghad illi l-ezamijiet gew kompromessi bil-hasil tal-qmis li kien liebes biha Anton Camilleri. Bhal mal-Pulizija talbu w ottjenew il-permess minghand Camilleri sabiex isiru dawn l-ezamijiet setghet ukoll titlob il-permess, li zgur ma kienx se jkun michud, ta' Salvu Mangion izda dan ma sarx u jibqa' l-fatt illi minn ezamijiet illi saru fuq il-persuna ta' Anton Camilleri w hwejgu, ma nsabu l-ebda tracci ta' GSRs, li skond l-ispizjar Mifsud, jindika illi ma saritx sparatura ta' arma tan-nar.

Ghalhekk zgur, abbazi ta' dawn il-provi, din il-Qorti ma tistax taddebita lill-akkuzat illi huwa spara arma tan-nar dak il-hin tal-incident u wisq anqas fid-direzzjoni ta' Salvu Mangion. Id-deskrizzjoni ta' martu tal-operat ta' l-arma mhuwiex bizzejjed biex jikkonvinci lil din il-Qorti, fi grad ta' certezza morali, biex tirribatti l-konkluzzjoni teknika tal-ispizjar Mario Mifsud.

Ghalhekk tibqa' l-kwistjoni jekk l-akkuzat kellux arma f'idejh dak il-hin ta' l-incident.

Ikkunsidrat :

Il-konjugi Mangion ma kienux f’posizzjoni illi jiddiskrievu l-arma b’certa certezza peress illi qalu li kull ma kien jidher kien biss il-parti ta’ quddiem jew il-kanna w kienet ta’ kulur iswed.

Ghall-bidu kien hemm daqsxejn ta’ tahwid jekk l-arma kienitx “revolver” jew pistola w ssemma romblu bhala kwalifika ta’ “revolver”. Fl-istadju bikri jidher illi kien hemm xi konfusjoni bejn dawn it-termini pero’ fis-smiegh tax-xhieda jirrizulta illi Salvu Mangion kien jaf sew id-differenza bejn arma bir-romblu w pistola li tkun ikkargata minn gol-manku.

Ghalhekk il-konjugi Mangion, specjalment Salvu, kienu ferm vicin l-akkuzat u f’posizzjoni li jidentifikaw l-arma, izda dan m’ghamluhx. Li huwa zgur li wara l-allegat uzu ta’ l-arma dina ma baqghetx aktar tidher u l-istess konjugi Mangion jghidu illi tkompla xi glied minghajr l-uzu ta’ l-arma, fejn intuzaw biss ponnijiet.

Il-Qorti ezaminat sew ix-xhieda illi giet prodotta quddiemha kif ukoll fliet id-dettalji illi gew skrupolozament “highlighted” kemm mid-difiza kif ukoll mill-prosekuzzjoni izda l-Qorti tirrileva illi mhuhiex id-dettalji wahedhom li jistghu iwasslu ghall-konkluzzjoni ta’ htija jew le, izda il-kwadru in generali w kif dan il-kwadru jipprospetta jew juri b’success it-tezi ta’ parti jew ohra. Fi kliem iehor, fil-waqt illi d-dettalji jistghu jkunu rilevanti, wahedhom ma jistghux iwasslu ghall-konkluzzjoni ta’ reata’ o meno. L-ewwel ma titqies huwa l-kwadru kif ipprezentat mill-prosekuzzjoni w jekk dan iwassalx il-messagg taghha illi mill-provi prodotti l-akkuzat ghandu jinstab hati tar-reati addebitati lilu. Dan il-kwadru pero’, kif prospettat, ghandu hafna vojt. Jidher kwadru mhux komplet u dan in-nuqqas ma jistax jigi mimli bis-supposizzjonijiet jew bil-probabbilitajiet, peress illi dawn mhumiex livelli ta’ provi li fuqhom tista’ toqghod il-Qorti.

X’probabilment ghamel l-akkuzat, x’setgha ghamel jew m’ghamilx, mhuwiex ta’ rilevanza f’dan il-kaz u l-Qorti ma tistax taghti piz x’probabbilment gara f’dawk il-mumenti illi l-konjugi Mangion u Anton Camilleri gew fl-idejn. Lanqas

ma tista' tippostola' s-sitwazzjoni fejn l-akkuzat, fix-xoghol li ghandu, w id-differenza fil-karattri tan-nies illi jkollu x'jaqsam maghhom, u l-flus li jkollu fuqhu, probabbli li jzomm arma ghad-difiza tieghu, ghax dak illi hu probabbli la qieghed hawn u lanqas hemm u ma tistax ittellef l-liberta' sagrosanta ta' bniedem fuq bazi ta' dak li probabbilment gara jekk ic-certezza morali tkun nieqsa.

Il-Qorti ghalhekk thoss illi l-prosekuzzjoni ma lahqitx dik il-grad ta' prova minghajr dubju dettat mir-raguni li l-akkuzat Anton Camilleri ghandu jkun hati tal-akkuzi addebitati lilu.

F'dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti m'ghandhix triq ohra hlief li tiddikjara lil Anton Camilleri mhux hati taht l-Ewwel u t-Tieni Kapi tal-Att tal-Akkuza.

Pero' rrizulta zgur li waqt l-argument Anton Camilleri w Salvu Mangion gew fl-idejn u Camilleri kkawza feriti ta' natura hafifa, minghajr konsegwenzi fuq Mangion, f'liema kaz gew miksura d-dispost tal-artikoli 339(d), 214, 215, 221(1)(3)(b) tal-Kodici Kriminali. Permezz ta' ftehim datat 11 ta' Ottubru, 2006 (Dok. JR1) il-partijiet fuq imsemmijja rrinunzjaw l-azzjonijiet kriminali fil-konfront ta' xulxin u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tiehu konjizzjoni aktar ta' dan il-ksur (Art. 221(4)).

Ghaldaqstant wara li rat l-artikolu 487 tal-Kodici Kriminali tiddikjara lil Anton Camilleri mehlus u, jekk mhux detenut ghar-ragunijiet ohra, tordna l-liberazzjoni tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------